**23 ta' Ottubru, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.,**

Onor. Tabib Dr. Alexander Cachia Zammit et ne.

*versus*

Avukat Dr. Antonio Buttigieg, M.L.A.

**Sentenza — Eżekuzzjoni — Sospensjoni — Appell — Art. 264 tal-Kap. 15 — Sezzjoni 14(1) u 16 tal-"The Malta (Constitution) Order-in-Council, 1961".**

*F'materja ta' eżekuzzjoni tas-sentenzi, il-prinċipju ġenerali sovrastanti hu illi s-sentenza tista' tiġi eżegwita anki jekk tiġi appellata u fil-pendenza tal-appell li jkun sar minnha.*

*Għal dan il-prinċipju l-liġi tagħmel xi eċċezzjonijiet, u tippreskrivi l-modalitajiet li għandhom jiġu osservati fil-każ li l-Qorti tasal biex tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza appellata.*

*Fost l-elementi meħtieġa biex il-Qorti tordna, fuq talba tad-debitur, dik is-sospensjoni, hemm dak li d-debitur jagħti prova li turi għas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi l-eżekuzzjoni tas-sentenza tista tkun iżjed ta' ħsara għalieħ, milli t-twaqqif tagħha għall-kreditur.*

*Fil-każ preżenti, is-sentenza appellata kienet iddikjarat illi l-Gvern konvenut, permezz ta' ċirkulari minnu maħruġa, li kienet tipprojbixxi f'ċerti postijiet governattivi d-dħul ta' gazzetti kundannati mill-Awtorità Ekklezjastika, ikkommetta vjolazzjoni tad-drittijiet u l-libertà tal-individwu proklamati mill-Kostituzzjoni tal-1961, u ordnat lill-istess Gvern biex fi żmien qasir joħroġ ċirkulari oħra li tħassar l-effetti tal-ewwel ċirkulari; u l-Qorti, adita mill-konvenut biex tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza sakemm jiġi deċiż l-appell interpost minnha, ċaħdet it-talba għas-sospensjoni hekk mitluba.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha opportuni u mogħtija l-provvedimenti kollha meħtieġa, peress li b'sentenza ta' din

il-Qorti tas-17 ta' Lulju 1962 fl-ismijiet "Onorevoli Dottor Anton Buttigieg, M.L.A vs. Onorevoli Dottor Paul Borg Olivier noe, et." din il-Qorti ddikjarat li dik il-parti taċ-ċirkolari maħruġa mill-atturi odjerni fil-25 ta' April 1962, li tipprojbixxi d-dħul ta' gazzetti kundannati mill-Awtorità Ekkleżjastika fil-postijiet indikati fl-istess ċirkolari hija illegali, u kwindi ta' ebda effett, u ordnat lill-istess atturi nomine jew xi wieħed minnhom iġib dan il-fatt a konjizzjoni tal-persuni lil min kienet diretta l-istess ċirkolari per mezz ta' ċirkolari ġdida (li kopja tagħha kellha tiġi preżentata wara l-atti ta' dawk il-proċeduri), u dan fi żmien jumejn mid-data tal-pronunzjament *tal-imsemmija sentenza*, b'riżerva ta' provvedimenti ulterjuri fil-każ li dan ma jsirx, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi; u peress li l-atturi nomine, b'nota preżentata fid-19 ta' Lulju 1962 fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati interponew rispettus appell mill-imsemmija sentenza lill-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina, appell li huma sejrin jipprosegwu; u peress li *l-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija qabel ma* jiġi deċiż l-appell interpost tista' tkun aktar ta' ħsara lill-atturi nomine mit-twaqqif tagħha mill-konvenut, kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; talbu li din il-Qorti twaqqaf l-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija ta' din il-Qorti taż-17 ta' Lulju 1962, u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija, u skond kif maħsub fl-art. 267 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, sakemm il-kawża tiġi definita fil-grad tal-appell. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-atti eżaminati jirriżulta li fuq il-proċedura ntentata mill-Onorevoli Dottor A. Buttigieg, M.L.A. kontra l-Onorevoli Dottor Paolo Borg Olivier, Ministru tas-Saħħa, u oħrajn, din l-istess Qorti, diversament presjeduta, ipprovdiet l-istess talba billi ddikjarat li dik il-parti taċ-ċir*kolari maħruġa* fil-25 ta' April 1952 mill-intimati nomine u oħrajn fejn kienet tipprojbixxi d-dħul tal-gazzetti kundannati mill-Awtorità Ekkleżjastika fil-postijiet fiha ndikati, kienet illegali u kwindi ta' ebda effett, u fl-istess ħin ordnat lill-intimati nomine jew xi wieħed minnhom iġib dan il-

fatt a konjizzjoni tan-nies lil min kienet diretta l-istess ċirkolari per mezz ta' ċirkolari ġdida (li kopja tagħha kellha tiġi preżentata wara l-atti tal-proċedura msemmija), u dan fi żmien jumejn mill-jum tad-deċiżjoni, b'riżerva li tagħti provvedimenti ulterjuri fil-każ li dak li ġie ordnat jonqos li jsir, u bl-ispejjeż kontra l-intimati nomine. Minn din id-deċiżjoni ġie nterpost appell lill-Onorabbli Qorti Superjuri ta' dawn il-Gżejjer, u fil-frattemp ġiet introdotta ċ-ċitazzjoni odjerna akkompanjata mir-rikors tal-intimati nomine tad-19 ta' Lulju 1962 għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza, li ġiet akkolta minn din il-Qorti fit-termini tal-art. 268 tal-Kap. 15 sa ma tiġi deċiża din il-kawża tal-lum;

Illi l-meritu tal-kawża tal-lum, għas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza msemmija tas-17 ta' Lulju 1962 jirraġġira ruħu dwar il-punt jekk l-eżukuzzjoni tal-konsaputa sentenza tkunx iżjed ta' ħsara lill-intimati noine (atturi f'din il-kawża) milli t-twaqqif tagħha jkun lill-konvenut (rikorrenti promwoventi l-proċedura materja tal-proċedura l-oħra);

Ikkunsidrat;

Illi, "in subjecta materia", il-prinċipju ġenerali sovrastanti huwa li, "pendente appellatione" ta' sentenza, din tista' tiġi eżegwita (ara art. 264 Kap. 15). Għal dan il-prinċipju hemm l-eċċezzjonijiet kontemplati bil-modalitajiet imsemmija fl-art. 264 subsezzjonijiet (a) u (b) u l-kondizzjonijiet maħsuba fl-art. 265, 266(1) u (2) tal-Kap. 15. Inoltre, fl-art. 267 tal-istess statut ċitat, nonostanti l-prinċipju ġenerali kontenut fl-art. 264 (ibidem), l-Ewwel Qorti tista', taħt il-kondizzjonijiet u dak li hemm maħsub fih, tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' sentenza li tkun ġiet appellata, u waqt li tkun hekk miexja quddiem il-Qorti tal-Appell. Fl-art. 270 Kap. 15, fil-każ ta' eżekuzzjoni permezz ta' bejgħ ta' bastimenti, jew proprjetà mobiljari oħra ta' valur rilevanti, jew ta' proprijetà immobiljari, hija mposta lill-kreditur eżekutant garanzija qabel ma jiġi biex jirtira r-rikavat tal-vendita; u fil-każ ta' revoka tas-sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-istess kreditur ikun tenut għad-danni u nteressi, regolabbli għall-estensjoni tagħhom skond il-valur stabbilit tal-ħwejjeġ mibjugħa, am-

menokkè ma jkunx jirriżulta li jkunu ta' entità superjuri. Fl-aħħarnett, fl-art. 271 Kap. 15, f'każ ta' ipoteka ġudizzjali, l-istess ma titniżżelx fir-Reġistru Publiku mingħajr ma r-Reġistratur tal-Qrati jkun irrilaxxja ċertifikat fis-sens li ma jkunx sar appell minn dik is-sentenza u li skadew it-termini għalieh imposti; u fl-art. 272 tal-istess statut hemm maħsuba l-eżekuzzjoni ta' parti minn sentenzi favorevoli għall-eżekutant non ostanti li jkun hemm appell minnhom mill-parti li tkun tilfet dawk il-punti;

Ikkunsidrat;

Illi dan li fuq intqal jikkonċerni l-kwadru ġenerali tad-dispożizzjonijiet tal-liġi "di rito" lokali dwar l-eżerċizzju tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-Qrati u l-mod u l-kondizzjonijiet li taħthom jistgħu jiġu sospiżi fl-istess eżekuzzjoni;

Illi, barra mill-eżekuzzjoni tas-sentenzi li jkunu ordnaw l-arrest tad-debitur (ara kombinati flimkien l-art. 264(a) u 267(a) Kap. 15), id-debituri li jkunu nterponew appell minn sentenza jridu sabiex jottjenu s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza, jintroduċu din it-talba per mezz ta' att ta' ċitazzjoni għal dak il-fini, u kumulattivament, (1) l-istess debitur għandu jagħti garanzija tajba għall-eżekuzzjoni tal-istess sentenza li eventwalment tkun sejra tagħti l-Qorti tal-Appell, kompriża l-garanzija għall-ħlas tal-imgħaxijiet fil-każ ta' ħlas ta' flus, u garanzija għall-ħlas tal-ħsarat li bi traskuraġni jew bi ħtija tiegħu jistgħu jsiru, fil-każ ta' ħwejjeġ oħra, u (2) li d-debitur jagħti prova li turi għas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-eżekuzzjoni tas-sentenza tista' tkun iżjed ta' ħsara lilu milli t-twaqqif tagħha lill-kreditur;

Min dawn, biex hekk insejħulhom, ingredjenti, jidher ċar, dwar l-ewwel wieħed, li l-leġislatur kien pjuttost preokkupat mill-koeffiċjenti komuni ta' ġeneralment il-maġġjoranza tal-kawżi, u ċjoè tal-effett ekonomiku tal-istess pronunzji tat-tribunali fir-rispett tal-kontendenti, mentri dwar it-tieni element tal-preġudizzju, għalkemm mhux esklus assolutament il-lat ekonomiku, eppure n-nokument xi drabi jista' jkun ta' nteress mhux valutabbli fil-kamp u sfera

ekonomika, imma ta' valur filosofiku-ġuridiku per sè, imma naturali, essenzjalment kbir fl-ambitu tal-personalità u leżiv għad-drittijiet fondamentali tal-bniedem — dak li jaffetta l-valutazzjoni ekonomika tal-ewwel ingredjent kumulattiv, meta jiġu vjolati dawk id-drittijiet minn individwu kontra ndividwu ieħor;

Illi huwa għalhekk li bl-introduzzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali u libertajiet tal-individwi umani, introdotta bil-"The Malta (Constitution) Order-in-Council, 1961", jingħad, bir-rispett kollu lejn il-Poter Eżekuttiv u Leġislattiv tal-pajjiż u tal-Istat, li donnu jidher li hemm *bżonn li din il-materja tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni* tas-sentenza "pendente appellatione" fir-rispett tad-drittijiet imsemmija tiġi "in lege condenda" ritokkata u miġjuba progressivament fuq il-livell taż-żmienijiet moderni, kif tinstab il-materja modellata fil-leġislazzjonijiet l-oħra aktar moderni;

Ikkunsidrat;

Illi in kwantu għall-ewwel element, peress li f'dan il-każ in diżamina l-arbitriju proklamat ma jikkonċernix individwu versu ndividwu ieħor, imma bejn latturi nomine fil-kwalità tagħhom publika u l-konvenut, l-art. 908(a) tal-*Kap.* 15 *jeżentahom mill-garanzija* mitluba *mill-art.* 267(1)(a) tal-istess statut, għalkemm kif fuq ntqal, il-valutazzjoni tad-drittijiet in diskussjoni (kif sejjer jidher aktar tard mill-essenza tagħhom) għall-finijiet tal-fissazzjoni tal-garanzija meta ma teżistix norma ndikatriċi "expressis" legalment huwa diffiċli, jekk mhux impossibbli, tiffissaha, għar-raġuni li ma jistgħax ikollha d-denominazzjoni tal-koeffiċjent komuni, li huma l-flus;

Illi in kwantu għat-tieni ngredjent, u ċjoè dak tal-aqwa jew l-anqas preġudizzju fil-bilanċja bejn il-kontendenti, jingħad li huwa tajjeb għad-determinazzjoni tal-kawża odjerna li l-Qorti tivvalja n-natura u l-essenza tad-dritt li ġie dikjarat vjolat mill-atturi nomine, mingħajr ma tindaħal fid-dikjarazzjoni li għaliha waslet din il-Qorti diversament presjeduta bis-sentenza tagħha tas-17 ta' Lulju 1962 fuq menzjonata;

Illi l-konvenut odjern (promotur tal-proċedura l-oħra ġa determinata) aġixxa in virtù tas-sezzjoni 16 għall-vjolazzjoni kontemplata fis-sezzjoni 14(1) tal-"The Malta (Constitution) Order-in-Council, 1961". Din il-vjolazzjoni, dikjarata ġudizzjarjament, tidħol fit-tieni parti ta' dak l-Order-in-Council, intitolata "The Protection of Fundamental rights and freedom of individuals", li tikkontempla d-drittijiet tar-rikonoxximent tal-vera personalità tal-individwu mħaddna mis-soċjetajiet moderni, akkwistati bi tbatija kbira gradatament b'lotta kontinwa tal-istess individwu kontra l-assolutismu monarkiku, kontra l-gruppi u kommunitajiet li fiż-żmien primittiv kienu jassorbuh, tul iż-żmien u l-marċja tal-istorja tal-popli tad-dinja, drittijiet radikati fl-istess individwu mid-dritt naturali, u fondati fuq il-morali u r-raġuni (ara fin-"Novissimo Digesto Italiano" monografija ta' Antonio Azuna, vuċi Diritti dell'Uomo, paġ. 762-769, Vol. V, U.T.E.T. 1960, fejn jidher l-iżvolġiment storiku ta' dawn id-drittijiet mill-Magna Charta Ingliża (1215) sad-Dikjarazzjoni ta' Ruma);

Illi kwindi, l-aqwa jew l-anqas preġudizzju tar-rispettivi kontendenti għandu jiġi mqiegħed fil-bilanċja tal-ħsieb mhux biss fuq l-estensjoni pjù o meno gravi tal-vjolazzjoni fl-ispazju, jew biss fl-entità patrimonjali, jekk ikun hemm minn dik il-vjolazzjoni rifless ekonomiku, kif ġie allegat, imma pjuttost u prinċipalment fl-essenza tan-natura taddritt vjolat; l-għaliex dawn huma drittijiet soġġettivi u personali, li jikkonċernu l-personalità tal-individwi. Jekk inħarsu għan-nokument minn dan il-punt di vista, ma hemmx għalfejn ikun hemm titubanzi sabiex bniedem jikkonvinċi ruħu li n-nuqqas tar-rikonoxximent tal-personalità tal-membri tas-soċjetà huwa aktar gravus u jikkaġuna aktar ħsara lil min ikun sofra l-vjolazzjoni, jekk is-sentenza tiġi sospiża fl-esekuzzjoni tagħha anzikkè jekk tiġi infurzata s-sentenza fil-konfronti tal-atturi nomine, li ġew dikjarati vjolaturi ta' dak l-istess dritt. Id-dritt vjolat, anki jekk il-vjolazzjoni tkun limitata fl-ispazju territorjali, jew, meta jkun il-każ, meta taffetta, anki f'parti żgħira, il-patrimonju tal-persuna li tkun sofriet il-vjolazzjoni, tibqa' dejjem vjolazzjoni li tirrikjedi u timponi riparazzjoni immedjata; "multo magis" meta l-vjolazzjoni tkun tikkonċerni, anzikkè il-patrimonju, id-dritt naturali u r-raġuni, li mhumiex valutabbli bi flus materjali;

Illi ntqal, inoltre, li l-appell tal-proċedura prinċipali huwa prossimu li sejjer jiġi trattat dalwaqt, u kwindi n-nokument li sejrin ibatu l-atturi nomine, jekk is-sentenza tiġi nfurzata, huwa aqwa milli s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tista' tikkaġuna lill-konvenut. Dan l-argument, fil-ħsieb kunsidrat ta' din *il-Qorti, huwa fallaċi*; *primarjament* għaliex l-infurzament jista' biss jaffetta l-prestiġju tal-atturi nomine għaż-żmien u kors tal-appell, u jekk is-sentenza prinċipali tiġi revokata, l-istess prestiġju jista' jiġi rigwadanjat, mentri r-rikonoxximent tad-dritt tal-konvenut li huwa ta' essenza, bis-sospensjoni jibqa' pendenti għaż-żmien imsemmi, u jekk is-sentenza tiġi konfermata l-atturi *nomine jkunu rnexxielhom jiffrustraw l-eżekuzzjoni tal*-istess sentenza għal dak iż-żmien u r-rikonoxximent tad-dritt tal-konvenut;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Taqta' u tiddeċidi b'lli tiċħad it-talba attriċi. L-ispejjeż jitħallsu mill-atturi nomine, salv li, jekk is-sentenza prinċipali tiġi revokata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina l-istess atturi nomine jkunu jistgħu jirripetuhom mill-konvenut.